SANNAT

Minuti ta' tlieta u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1007 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 22 li saret fit-30 ta' Settembru 2010

**Item 2 Mill-Minuti**

1008 (para. 992) Ġiet ikkuntattjata l-kumpanija Alpa Company Ltd. dwar il-photo copier. Huma qalu li l-magna tagħhom għandha kollox ikun inkluż r-*reversible document feeder*. Għandha tiġi ordnata wkoll il-cabinet.

1009 Il-Voltanic panels fuq il-bejt tal-uffiċċju amministrattiv twaħħlu bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2010.

1010 (para. 985) Rigward il-Measure 323, il-perit għamel l-applikazzjoni għand il-MEPA separata minn dik tal-Ġnien il-Bidwi. Il-Managing Authority tar-Rural Development Department tal-EAFRD kitbulna li l-permess tal-MEPA irid ikun ħareġ sal-31 ta' Diċembru 2010.

1011 (para. 987) Rigward il-ħajt tal-qasma tal-proprjeta' ma' Ganni Grima, is-Segretarju kiteb lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Artijiet li għadda l-każ lis-Sur Raymond Camilleri Ass. Direttur Servizzi. Dawn irrispondewna li ser jagħmlu laqgħa ma' John Grima fl-1 ta' Novembru flimkien mal-Avukat tiegħu. Peress li l-Avukat tal-Kunsill ma jistax jatttendi għar-raġuni li dak inhar għandu subbasta appuntata l-qorti ta' Għawdex, is-Sindku ppropona lil-Avukat Justyne Caruana sabiex tidher għal Kunsill.

1012 (para. 988*)* Rigward il-kwotazzjonijiet 4, 5, 6 tal-2010, il-Kunsill qabel li jikteb lil dawk il-kuntratturi kollha li ma ġewx skwalifikati sabiex jagħtu l-informazjoni li għandhom nieqsa fi żmien tlett tijiem minn meta jirċievu l-ittra.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1013 (para. 989) Rigward l-interview tal-Skrivan/a part time, ġejna mitluba mil-Dipartiment sabiex ngħidulhom kemm ilu ma jinfetaħ l-uffiċċju nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel li Geraldine Mecieca li ġiet l-ewwel post fl-interview tiġi ngaġġjata bħala Skrivana Part Time fi Skala 15, għoxrin siegħa fil-ġimgħa mal-Kunsill b'effett minn nhar is-Sibt, 6 ta' Novembru 2010. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-bord ser jitħallsu €60 għal kull darba li attendew in konnessjoni mal-interview. Dr. Monica Vella attendiet tlett darbiet, Nazju Abela u Joseph Xuereb attendew darbtejn kull wieħed.

1014 Rigward l-Speed Limits ta' Triq il-Kbira nġabu żewġ kwotazzjonijiet ta' tabelli għat-traffiku *35km Zone* li kienu:

> Mario Mallia - Circular sign ta' 60cm bil-bolts u brackets bi Speed Limit 35 Km (Reflective) @ €28.50ċ.kul waħda li jiġu total ta €199.50ċ
>
> Refalo Signs - Circular sign ta' 60cm bil-bolths u bracets bi Speed Limit 35 Km (Reflective) @ €33.14ċ kull waħda li jiġu €232.02ċ .

Il-Kunsill għażel dik ta' Mario Mallia li kienet l-irħas waħda.

1015 (*para. 991*) Tal-GreenPak kienu tawna leaflet u qalulna sabiex jekk iridu nibdlu l-wording tal-leaflet dan għandu jsir kemm jista' jkun malajr.

1016 (*para. 998*) Rigward il-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku għandha ssir laqgħa bejn is-Sindki u Segretarju Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija, Tax-Xagħra, Ta' Sannat u tal-Munxar biex tittieħed deċiżjoni bejn il-Kunsilli Lokali konċernati.

1017 Il-kawża tal-belveder tal-Barumbara fi Triq Skerla ġiet differita għas-26 ta' Jannar 2011. Il-proprejtarji tal-appartamenti Ta' Ċenċ Mansions kellhom jippreżentaw xi dokumenti dwar il-kawża li tilfu mad-Dipartiment tal-Artijiet u ma ppreżentawhomx.

1018 (*para.1001*) Saret il-laqgħa pubblika dwar it-Traffic Management fil-lokalita' Ta' Sannat. Din saret nhar il-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 2010. Din il-materja tħalliet għal laqgħa oħra.

**Item 3. Korrispondenza**

1019 Memo 106/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali fejn jidħlu r-Risposta tal-Kunsill Lokali għall-Management Letter tal-Uditur tal-Gvern Lokali, Fixed Assets Register, Financial Statements u xiri ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi kif ukoll li ma għandu jittieħed l-ebda document barra mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

1020 Memo 107/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Allowance tas-Sindki u l-Kunsilliera.

1021 Memo 108/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera.

1022 Memo 109/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-użu tal-mobile phones.

SANNAT

1023 Memo 110/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Sejħa għal proposti ta' proġetti taħt il-Fondi Soċjali Europew.

1024 Memo 111/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Evening Classes.

1025 Memo 112/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-Ratifikazzjoni ta' aktar artikoli tal-*European Charter of Local Self Government*.

1026 Memo 114/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward linji gwida dwar żbir ta' siġar tal-playing field. Il-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment tal-Agrikultura meta jinżabru s-siġar bħal taż-żebbuġ, oleander, etc.

1027 Memo 115/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsija Parlamentari Nru. W93. rigward fejn jgħaddu *Heavy vehicles to render a service in the street.*

1028 Memo 116/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-Protokol Lokali u Reġjonali.

1029 Memo 117/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-*Reference Framework for sustainable Cities* biex min irid jista' jimla l-*call for expression of interest*.

1030 Memo 119/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-*Green Challenge and Community involvement Awards* dwar inizjattivi li jkunu ttieħdu sabiex jitjieb l-ambjent fiżiku u dak soċjali fil-komunita'.

1031 Memo 120/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-użu tal-Laptops.

1032 Memo 121/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011. Din l-applikazzjoni saret

1033 Memo 122/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ikliet/riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

1034 Memo 123/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru.19506. Rigward jekk għandhomx reġistru tal-ilmenti.

1035 Memo 124/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsija Parlamentari Nru. jekk il-Kunsilli għandux monti miftuħ.

1036 Memo 125/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward kodiċi ta' prattiċi tajba għall-Produzzjoni ta' films fil-lokalitajiet.

1037 Memo 126/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward attivitajiet fil-lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund.

1038 Memo 127/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Kuntratti dwar il-ġbir tal-iskart mħallat.

1039 Memo 128/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward taħriġ għall-impjegati tal-Libreriji Pubbliċi.

1040 Memo 129/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20033 dwar studji li saru matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena.

1041 Memo 130/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20095 dwar attivitajiet kulturali.

1042 Memo 131/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20098 dwar ħidma fil-qasam soċjali u fil-ħarsien tal-identita lokali din is-sena.

1043 Memo 132/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20126 dwar kunsilli li ma humiex aċċessibli għal kulħadd.

1044 Memo 133/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 200116 dwar liema Kunsilli Lokali qed jiftħu nhar ta' Sibt.

1045 Memo 134/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20128 dwar dwar il-One Stop Shop.

1046 Memo 135/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 20129 dwar Servizzi ġodda tal-e-government.

1047 Memo 136/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward komunikazzjoni mal-MEUSAC biex din isir mis-Sindku u jew is-Segretarju Eżekuttiv.

1048 Memo 137/2010 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-Website Clean Up Malta Campaign fejn intalbet informazzjoni rigward il-lista ta' kuntratturi responsabbli mit-tindif f'kull lokalita'.

1049 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 73/2010 – Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill ser jingħata €120 bħala assistenza finanzjarja. Ir-rapport għall-kompetizzjoni jrid jasal sal-5 ta' Novembru 2010. L-attivita' li kellha ssir fit-23 ta' Ottubru 2010 tħassret kawża tal-maltemp li kien hemm. Il-Kunsill qabel li tinkiteb itttra lid-Dipartiment fejn jiġi nfurmat li din l-attivita' ser issir f' data oħra.

1050 Kopja tal-Avviż Legali fuq l-ismijiet tal-lokalitajiet. F'dan l-Avviż Legali hemm inkluż tibdil fl-isem tal-Kunsill Lokali Sannat li ser jiġi Kunsill Lokali Ta' Sannat. Zmien għal kummenti kien hemm sal 24 ta' Settembru 2010.

1051 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat *Draft tal-Public Palygrounds Safety Standard for Public Consultation.*

1052 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Premijiet għall-Appoġġ lill-Intarpriżi. Żmien għall-applikazzjoni ta' din il-kompetizzjoni kien hemm sal-15 ta' Ottubru 2010. Intbagħtu wkoll Linji gwida tal-kompetizzjoni Premijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intarpriża. Din il-kompetizzjoni twassal ukoll għall-Parteċipazjoni fil-Kompetizzjoni Premijiet Ewropej għal Interpriża.

1053 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn talbu aġġornament tal-ammont u l-ismijiet tat-toroq li ser ikunu saru matul din is-sena mill-allokazzjoni finanzjarja li ngħatat b'mod speċifiku għat-toroq.

SANNAT

1054 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 52/2010 u Memo 93/2010 dwar l-Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal korsijiet lifelong learning fejn qalu li ma applikawx nies biżżejjed mil-lokal biex isiru l-klassijiet fil-lokal. Id-Direttorat tat-Tagħlim Tul il-Ħajja ser jinforma lir-residenti li jekk iridux jattendu dawn il-lezzjonijiet f'xi Ċentru tal-Evening Classes jew jekk dan ukoll problema l-kors ma jsirx. Rigward il-korsijiet tal-computer mhux ser jiffurmaw parti minn din l-iskema. Aktar informazzjoni dwar dan ser nirċevuha aktar 'il quddiem. Is-Sindku qal li meta ħarġu l-applikazzjonijiet kien intqal li l-korsijiet ser ikunu ta' €25 kull persuna u wara bidlu l-prezz għal €45 kull persuna. Il-Kunsill qabel li jorganizza kors tal-komputer.

1055 Ittra minn Transport Malta lid-Double li saru d-Double Yellow Lines fid-daħliet li hemm fin-niżla ta' Triq Mġarr ix-Xini.

1056 It-Transport għat-tfal ta' l-iskola primarja li kien isir wara nofsinhar mhux ser isir din is-sena għar-raġuni li l-Kunsill irid jimxi mal-istruzzjonijiet li nħarġu f'Memo 31 tal-2010. Il-Kunsill kiteb ittra lid-Dipartiment fejn ingħata risposta biex jimxi mal-struzzjonijiet li kienu ħarġu f'Memo 31/2010 li kuntratti ta' dan it-tip irid jiġi terminat b'effett immedjat. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lid-Dipartiment fejn jintqal li kawża tan-nuqqas ta' dan it-transport, ir-residenti qed jitilfu x-xogħol biex imorru jiġbru t-tfal, kif ukoll li oħrajn qed imorru d-dar mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn ħadd.

1057 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-laqgħa informativa dwar *Reference Framework for Sustainable Cities* li saret nhar il-Ħamis, 9 ta' Settembru 2010.

1058 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li fejn ikun hemm skemi dwar inizjattivi/attivitajiet li jiġu organizati mill-Kunsilli Lokali u li tagħhom jkunu ser jibbenifikaw minn fondi mingħand numru ta' Ministeri u Segretarji Parlamentari fuq il-Billborards, posters jew flyers li l-Kunsill jagħmlu fuq attivita' partikulari li minnha jkun ser jibbenefika minn fondi ta' iktar minn Ministreru/Segretarjat għandha titqiegħed l-arma tal-gvern biss u mal-ġemb tagħha jitniżlu l-ismijiet taħt xulxin, l-ewwel tal-Ministeru u mbagħad tas-Segretarjat Parlamentari konċernati. Trid tinġab l-approvazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku.

1059 Il-MEUSEC qalu li ser joħorġu calls għal *ERDF priority Axis 2 Promoting Sustainable Tourism p-Investing in competitiveness for a better Quality of* Life li ser tiġi *launched* fi ftit ta' żmien ieħor.

1060 L-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li ser tniedi nizjattivi għar-residenti kollha sabiex jattendu taħriġ bla ħlas dwar l-użu tal-Kompjuter. Dwar dan ser iqassmu leaflets ta' nformazzjoni.

1062 Ittra mill-MEEF dwar l-applikazzjonijiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. L-eta' ta' dawn iż-żagħżagħ trid tkun bejn l-erbatax u s-sbatax-il sena. Fis-6 ta' Novembru ser issir konferenza rigward il-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Dawn iż-żgħażagħ ser ikunu akkumpanjati mis-Sindku. Il-Kunsill ser iħallas il-biljetti tal-vapur.

1063 Il-perit bagħat kopja tal-*parking proposal* tal-pjazza. Il-Kunsill għandu japplika permezz tal-perit wara li jsiru xi tibdiliet żgħar.

1064 Il-perit bagħat l-stimi aġġornata għall-iskema tal-*Public Private Partnership* għar-raġuni li parti minn Triq l-10 ta' Ottubru 2010 hi ġa resurfaced bil-*hot rolled asphalt*. Il-parti ta' Triq

Pisoniano li mhix asfaltata ser tiżdied flok dik il-parti ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li hi ġa *resurfaced*. L-istimi tal-perit huma hekk:

| | |
|---|---|
| Triq Falkun | €18,218.64ċ |
| Triq l-10 ta' Ottubru 1942 (parti mhix resurfaced) | €12,869.40ċ |
| Triq Pisoniano (parti mhix resurfaced) | € 8,928.03ċ |

1065 George Azzopardi bagħat stima biex studenta tagħmel ix-xogħol marbut mal-pubblikazzjoni tar-rapport ta' l-iskavi ta' Għar ix-Xih li hi parti mill-Proġett tal-Mġarr ix-Xini Regional Park. Hu kkalkulat li madwar xahrejn ikun biżżejjed biex isir dan ix-xogħol li jiġi jiswa madwar €3,200. Xogħol ieħor li jrid isir hu l-*conservation treatment* tal-oġġetti li jnstabu din is-sena li jiġi €100. George Azzopardi bagħat kopja tal *brief outline of the survey requirements* ta' Wied Mġarr ix-Xini. Hu bagħat ukoll kwotazzjoni għal *Planimetric survey* f'Ta' Loġġa fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Din hi ta' €280 kuljum li jdum fuq il-post. Dan l-ammont jinkludi x-xogħol neċessarju li jsir wara bħal *plotting* u xogħol ieħor fl-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa flimkien mal-Kunsill Lokali Tax-Xewkija u l-Joint Committee dwar l-ispejjes tal-proġett.

1066 William Charles Bromage li joqgħod fi Triq Skerla talab għal reserved parking tad-Disabled. Il-Kunsill ma qabilx li jirrakkomanda dan il-permess għar-raġuni li dan għand garaxx mad-dar tiegħu.

1067 Ittra mill-Arċipriet ta' Sannat rigward it-tqassim ta' karti mal-bulettin jew avviżi li jsiru fil-knisja. Il-Kunsill ġie infurmat li fuq deċizjoni tal-Kulleġġ tal-Kappilani, kull tqassim ta' avviżi mill-parroċċa jsir biss għad-deskrizjoni tal-Ariċpriet tal-parroċċa partikulari.

1068 Ittra mill-GreenPak fejn offrew ingwanti, 50 flokk magħmul apposta għal din l-okkażjoni. Huma qalu li mhux possibbli li jinġieb Stand informattiva mħabba l-loġistika.

1069Il-Malta Transport kitbu rigward il-Bus Shelter ta' Triq Dun Luqa. Huma qalu li huma nfurmati li din ma tintużax u qed jipproponu li din titpoġġa fi Triq Ċenċ. Il-Kunsill qabel li dawn jintalbu jibgħatu site plan ta' fejn ser jitpoġġa dan il-Bus shelter.

1069 Ittra mingħand Transport Malta rigward ix-xogħol ta' resurfacing ta' toroq urbani biex il-Kunsilli Lokali jimxu mal-*Policy Framework Regulating Road Intervention Works*.

1070 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward *Town Twinning Conference – Networking and moving towards simplified strategic planning* li kellha ssir.

1071 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsili Lokali dwar il-partnership li għandha fil-proġett ENESCOM li qed isir dwar il-Patt tas-Sindki fuq it-tlett Reġjuni, inkluż Għawdex.

1072 Ittra mill-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett hENCE li jaqa' taħt il-programm ta' fondi mill-Unjoni Europea – Citizenship fejn ikun diskuss is-suġġett tal-enerġija alternativa fost lokalitajiet żgħar. It-tieni fazi hija laqgħa fuq livell ta' esperti u ser issir f'Rosegg fl-Awstrija fil-11 u 12 ta' Novembru 2010.

1073 Ċirkulari 4.2010 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-laqgħa tas-Sindki bejn it-22 u 23 ta' Ottubru 2010.

1074 Ittra mill-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali li l-ħlas dovut lil-EneMalta dwar l-użu tal-mapping services ser jibqa kif kien i.e. €100 kull sena.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1075 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Iskema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet fejn intalbet informazzjoni dwar l-għajnuna li kienet ingħatat b'rabta ma' l-iskema msemmija. Irridu jintbagħtu kopji tal-irċevuti fiskali kif ukoll ritratti tax-xogħlijiet.

1076 Ittra indirizzata lis-Sindku minn Benny Saliba. Hu qal li offra li jgħin lill-Kunsill fir-riġward tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Hu offra tomnejn raba għall-iskop ta' parking, kif ukoll siegħ u nofs art bħala *BBQ area* biex iqabdu u jsajru l-ikel biss, kif ukoll jitpoġġew *portable toilets* fit-tliet xhur tas-sajf. Il-ħlas mitlub hu ta' €2,000 kull staġun. Jekk il-Kunsill jagħżel li juża din s-site tal-BBQ u t-toilets s-sena kollha hu qed jitlob li jitħallas €500 oħra. Il-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk din tistax tingħata lil xi NGO biex jaħdmuha huma.

1077 It-Transport Malta kitbu li taw l-approvazzjoni sabiex isiru d-*double yellow lines* fi Triq Gerxija. Wara li waslet l-approvazzjoni saru dawn id-D*ouble Yellow Lines*.

1078 Waslet l-approvazzjoni mingħand il-Transport Malta sabiex isiru d-*double yellow lines* fi Triq il-Kalkara tal-Ġir. Wara li waslet l-approvazzjoni dawn saru.

1079 Waslet l-approvazzjoni mingħand il-Transport Malta sabiex isiru d-*double yellow lines* fi Triq fi Triq Xabbata kantuniera ma' Triq Marsilja. Dawn ġa saru. Il-Kunsill qabel li dawn jittawlu ftit ieħor.

1080 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku li saret laqgħa mal-Alert Communications (Web Development and Web Design Company) li qed jibnu *web portel* flimkien mal-Ministeru għall-Infrastruttura rigward servizzi li jistgħu jiġu provduti *online*. Għandha ssir laqgħa dwar aktar informazzjoni fuq dan il-*portal*.

1081 Ittra mill-*Cultural and Audit Unit* tal-OPM fejn talbu l-isem tal-Kunsillier responsabbli mill-kultura sabiex jiġi nfurmat meta jkun hemm xi benefiċċi li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom.

1082 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali lill-Kunsilli Lokali kollha dwar il-lista tax-xogħlijiet li saru mill-Korporazzjoni għas-Sevizzi tal-Ilma. Huma talbu sabiex il-Kunsill li jaqbel mal-lista tal-Korporazzjoni jikkonferma li jaqbel sabiex isir il-ħlas għas-sena 2007. Il-Kunsill kien kiteb li ma jaqbilx mal-lista tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

1083 Ittra mill-MEUSAC dwar sessjoni ta' informazzjoni dwar ESF Call.

1084 Ittra mingħand Julian Zarb mill-uffiċċju tal-Prim Ministru fejn talab sabiex issir laqgħa miegħu rigward *Developing and enchancing excursion programmes*.

1085 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali dwar kors li maħsub li jsir flimkien mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar programm ta' taħriġ lill-impjegati tal-libreriji li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli minnhom. Dan hu kors ta' 12 il-siegħa li hemm il-ħsieb li jsiru f'Ottubru/Novembru 2010.

1086 Ittra mingħand Simon Aguis tal-iskola inlingua School of Languages, Malta fejn qal li lest li joffri informazzjoni dwar il-korsijiet li joffru.

SANNAT

**Item 4 Kwotazzjonijiet u Tenders**

1087 Inxeħtu ħames kwotazzjoni għat-tindif tal-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq tal-Gruwa li tinfed għal Triq Mġarr ix-Xini.

L-Iskeda ta' Kwotazzjoni għat-tindif tal-Culvert li hemm fi Triq tal-Gruwa li tisbokka fi Triq Mġarr ix-Xini.

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Joseph Magro | €1,115.10ċ |
| 2. | Bugeja Bros. Ltd. | € 950.00ċ |
| 3. | Peter Paul Said | € 519.20ċ |
| 4. | Pius Attard | € 483.00ċ |
| 5. | Lorry Attard | € 780.00ċ |

Il-Kunsill approva li dan ix-xogħol jingħata lil Pius Attard li kellu l-irħas offerta.

1088 Inġabu żewġ stimi għat-tabella Merħba ta' Triq Mġarr ix-Xini. Dawn kienu:

Rafel Refalo għall-prezz ta' €270.

Mr. Signs għall-prezz ta'€550 u €80 tal-installazzjoni.

Il-Kunsill għażel dik ta' Refalo Signs li kienet l-irħas waħda. Dan għandu jibda x-xogħol u titwaħħal iktar tard.

**It-tender għall-Proviżjon u Installazjoni tal-light fittings għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill**.

1089 It-tender infetħet fl-1 ta' Ottubru 2010. Preżenti kien hemm il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Teddy Bajada.

**Tender No. 05/2010**

**Tender for Supply and installation of light fittings at new Local Council offices at Ta' Sannat.**

**Closing date 1st October 2010 at noon.**

| **No.** | **Contracter** | | **Amount** |
|---|---|---|---|
| 1. | Richard Cauchi | **Option 1** | **€ 7,778.10** |
| | | **Option 2** | **€13,778.57** |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | C. Fino & Sons Ltd. | **€14,266.52** |
| 3. | Camilleri & Mifsud | **€12,137.50** |

Il-Kunsill qabel li jkellem lil Perit u lil Richard Cauchi li kellu l-irħas offerta rigward Option 1.

**Item 5 Tiġdid ta' Kuntratti**

1090 1Il-Kunsill approvait-tiġdid tal-kuntratt ta' Gatt Tarmac Ltd. għar-Resurfacing ta' toroq bil-*hot rolled asphalt* għal sena oħra b'effett mill-1 ta' Diċemrbu 2010.

1091 Rigward il-kuntratt tal-Sports Leader u dak tal-Cultural Leader sar qbil li dawn jiġu diskussi darba oħra.

1092 Rigward it-tender tal-*Readymix concrete and related material* li ser tagħlaq f'Diċembru 2010 għandha terġa toħroġ sejħa għall-offerti.

1093 Il-Perit Gordon Vella kellu jkellem lill-Kunsill dwar l-istudju tal-irziezet, imma dan ma kellem lil ħadd.

1094 Is-Segretarju ġibed l-attenzjonni l-kuntratt tal-manutenzjoni tal-playing field għandu jerġa' inħareġ biex jinżamm fi stat tajjeb.

**Item 6 Tiżjin tal-Milied**

1095 Il-Kunsill qabel li jitlob il-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied bid-dawl elettriku fi żmien il-Milied fi Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margarita. Dan jikkonsisti bil-provdiment temporarju tal-materjal kollu għal żmien il-Milied, inkluż wiring, provdiment tas-switch box, mili tal-applikazzjoni tal-electrician għand l-Enemalta u l-VAT, armar u diżarmar kollu tal-istess tiżjin. Il-kiri tal-meter u konsum tad-dawl huma għas-spejjes tal-Kunsill.

Dawn iridu jinxtegħlu bejn it-8 ta' Diċembru 2010 u l-4 ta' Jannar ta' 2011 dati inklużi u jikkonsisti f':

- f'sebgħa pavaljuni ta' żewġ stilel il-wieħed
- 10 stilel ma' kull fanal li hemm fil-Pjazza Santa Margerita
- stilla u dawl għal grotta fil-pjazza maz-zuntier tal-knisja

Il-kwotazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010 f' nofs inhar.

**Item 7 Tqassim ta' Dikasteri lill-Kunsilliera**

1096 Is-Sindku għamel xi tibdil fid-dikasteri tal-kunsilliera u għalhekk dawn huma hekk;

**Sindku:** Ippjanar, Infrastrutura, Żgħażagħ, Għaqdiet fir-raħal, Relazzjonijiet Internazzjonali, Chairman EU Funding, Kultura, Wirt Storiku Ambjentali.

**Viċi Sindku:** Anzjani u jassisti lis-Sindku fid-dikasteri tal-Ippjanar, Infrastrutura, Wirt Storiku u Ambjentali u Anzjani.

**Il-Kunsillier Taddeo Bajada:** Traffic Management u Sports.

**Il-Kunsillier Marlene Muscat:** Żvilupp Soċjali, Saħħa, Sigurta' u Aċċessibilta', Relazzjonijiet Pubbliċi u jassisti lis-Sindku fid-dikasteru tal-EU Funding u dak tal-Kultura.

**Il-Kunsillier Joseph Bajada**: Dawl tat-Toroq u Indafa Pubblika.

**Item 8 World Children's Day**

1097 Il-World Childrens Day ser issir nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru 2010. Din l-attivita' ser tibda fil-10,30 a.m. permezz ta' quddiesa. Wara fil-pjazza ser jinġiebu il-jumping castle, go carts u spaceball Ser ikun hemm Drawing area, Red Cross Demostration u The Turning point Dance theatre. It-tfal ser jingħataw muffin u milk shake. F'din l-attivita' ser issir ġbir għal Community Chest Fund.

**Item 9 Ħarġa għat-tfal fi Żmien il-Milied**

1098 Il-ħarġa għat-tfal fi żmien il-Milied ser issir fit-23 ta' Diċembru 2010. Dawn ser jittieħdu jaraw film u wara fil-fabbrika ta' Magro fil-parti li hi miftuħa għall-pubbliku. It tfal għandhom jingħataw bag helu kull wieħed. Ser ikun hemm ukoll Father Christmas.

**Item 10 Rigal tal-Milied lill-Anzjani**

1099 Il-Kunsill qabel li bħala rigal lill-anzjani flok gallettini jingħataw xitla waħda biss f'kull dar fejn hemm anzjan jew iżjed.

**Item 11 Materja Oħra**

1100 Fil-20 ta' Novembru ser issir laqgħa għal Kunsilliera kollha fil-Lukanda Corinthia Palace.

1101 Il-WiFi ser jtiwaħħal minn Richard Cauchi li għandu jagħmel x-xogħol fuq barra flimkien ma' ta' Kunsilli Lokali oħra.

1102 Saret talba minn Jason Saliba għall-permess ta' tower crain fil-pjazza sa nofs Diċembru. Il-Kunsill approva dan il-permess bil-kundizzjoni li t-triq ma tingħalaqx. Dan ma għandux bżonn jagħmel gwardjan.

1103 Il-funtana ġiet imnadfa. Din trid trid burdura ġdida għaliex il-ġebel tmermer bl-elementi naturali. Sar qbil li din il-burdura ssir tal-konkos. Il-perit għandu jintalab ikkejjel il-burdura tal-ġebel tal-funtana u għamel stima u kwotazzjoni għaliha.

1104 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-28 ta' April 1688 hemm tnjen u tletin siġra tad-Dehru neqsin. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item 12 Ilmenti**

1105 Kelinu Curmi ġie waqt il-laqgħa tal-Kunsill fejn ressaq l-ilment tiegħu dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq tal-Gruwa. Hu qal li dan il-kanal mhux ilaħħaq mal-ilma tax-xita bil-konsegwenza li l-ilma qed jagħmel ħafna ħsara lilu fil-kalkara u fid-dar ta' ommu. Hu ppropona li l-culvert li hemm fil-preżent jitwessa biex ilaħħaq mal-volum tal-ilma jew titbaxxa t-triq jew inkellha jintefa fi Triq ta' Ċenċ. Sar qbil li l-perit jintalab jagħmel studju ta' din il-problema u stima tax-xogħol propost. L-IPSL għandha tintalab sabiex inadfu l-culvert li hemm.

1106 Maria Hili ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li qalet li din it-Triq hi f'kundizzjoni ħażina ħafna għaliex hemm ħafna ħofor perikolużi u hemm bżonn tirranġa. Din għandha tiġi nfurmata li hemm l-applikazzjoni tal-Public Private Partnership Scheme sabiex din it-triq issir bil-hot rolled asphalt.

1107 Denise Farrugia ta' Iż-Żenqa, 169, Triq il-Kbira li qalet li xi vettura kissret l-bankina tagħha. Hi tablet biex din tissewwa. Din ġa issewwiet mill-ħaddiema tal-IPSL.

1108 Jim Cartwright ta' The Old School House, 23 Triq il-Kbira sabiex jiġu ttrimjati iż-żewġ siġriet tal-ficus li hemm fejn id-dar tiegħu. Id-Dipartiment tal-Agrikultura għandu jintalab informazzjoni meta jsir iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ u tal-oleandru. Leli Curmi għandu jitqabbad sabiex jiżbor dawn is-siġar ta' Triq il-Kbira.

1109 Il-bankina fi Triq Pisoniano ta' Salvu Buttigeig kantuniera ma' Triq Cortina fejn hemm il-flats, hemm parti minnha lesta u parti oħra le. Dwar il-parti li mhix lesta għandha ssir talba il-Ministeru għal Għawdex sabiex issir din il-parti tal-bankina.

1110 Fidiel Zarb ilmenta li fi Triq tal-Gruwa hemm ħafna ħaxix.

1111 Maria Hili, N.B. Triq l-10 ta' Ottubru 1942 sabiex issir bozza ġdida mad-dar tagħhom. Din ġiet approvata.

1112 Persuna minn Triq Ikxbiex ilmentat dwar binja abbandunata fi Triq l-Ikxbiex li qed isir miżbla. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Neriku Zammit sabiex jagħlaq it-twieqi li huma ta' periklu.

1113 Marcon Hili ta' 65, Triq Saguna talbet sabiex issir bankina ġdida mad-dar ġdida li Triq Xabbata kantuniera ħdejn Marsilja Store. Għandha ssir talba bil-Customer Care għaliex din hi bankina li ser issir l-ewwel darba.

1114 John Attard, 220 Triq il-Kbira ilmenta li fil-pjazza tax-Xelina qed jinxteħtu l-fdalijiet tal-ħut u affarijiet b'rieħa tinten. Hu talab biex jitneħħa minn postu.

1115 Ginja Camilleri, 167 Triq il-Kbira biex fi Sqaq tas-Soru ssir bozza għaliex hemm hafna dlam. Din ġiet approvata.

1116 Josephine Gray, 86, Triq Saguna talbet rampa fil-bankina biex idaħħal il-karozza fil-garaxx. Din il-bankina saret mill-Ministeru għal Għawdex.

1117 Ursola Buttigieg ilmentat rigward il-ħmieġ tal-Skips on wheels ta' Triq Xamgħan. Hi qalet li dan ma jinħasilx. Wara li nġibdet l-attenzjoni mill-K.I.P. Għawdex li hu l-kuntrattur, ġejna nfurmati minnu li qed jintefa l-ħmieġ tal-annimali fl-iskip. Konsegwement qed ikun hemm riha nsapportabbli sakemm jitbattal. Qal ukoll li qed jintefgħu wkoll fdalijiet ta' kostruzzjoni. Semma li hemm xi restoranti li qed jarmu l-iskart tagħhom ġo fih. Hu talab sabiex jittieħdu passi sabiex dan ma jibqax isir.

1118 Maria Buttigieg qalet li huma qed fil-proċess li jibnu dar fi Triq Dun Luqa li tmiss ma Triq Ta' Ċenċ. Huwa qalu li l-ilma kollu jispiċċa fil-proprejta tagħhom. Huma talbu sabiex isir xi ħaġa dwar dan. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra mill-perit lil awtorita' kompetenti dwar dan l-ilment.

1119 Matthew Sultana, 3 *Iris Court*, Triq il-Moxa, dan talab li jingħata 9 kurduna biex jagħmel il-bankina ta' quddiem il-post tiegħu. Din it-talba ġiet approvata.

1120 Matthew Sultana, 3 *Iris Court*, Triq il-Moxa, talab bozza ġdida fi Triq il-Moxa mal-bini ta' Iris Court. Din it-talba ġiet approvata.

1121 Il-Kunsill qabel li terġa ssir it-talba sabiex issir bozza ġdida żgħira fi Triq Xabbata mad-dar ta' Salvina Grima.

1122 Charles Debrincat, "Carlina" Triq il-Falkun talab sabiex isir l-patching tal-ħofor fi Triq Falkun. Din għandha tiġi nfurmata li hemm l-applikazzjoni tal-Public Private Partnership Scheme sabiex din it-triq issir bil-hot rolled asphalt.

1123 George Azzopardi ta' Triq Gruwa talab biex jitneħħa t-trab tax-xita li jinġema' mal-*road hump*. Din ir-*road hamp* kienet saret bħala detterent għas-sewqan tat-traffiku.

1124 Anthony Sciberras, Myriamville, Dun Luqa Street talab sabiex isir *one side parking* fi Triq Ċenċ, Triq Santa Maria u Triq Marsilja. Semma wkoll sabiex isir culvert għall-ilma tax-xita fi Triq Sannat għaliex hi perikoluża bl-ilma li jgħaddi minnha. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex fejn jintalab informazzjoni dwar l-istudju li kellu jsir rigward l-ilma tax-xita fi Triq Sannat. F'każ li dan ma jsirx, isir studju mill-Kunsill flimkien ma' Transport Malta.

1125 Terry Sultana ilmentat li fi Triq Santa Marija hemm bżonn titwaħħal tabella mħabba l-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li ssiru żewġ tabelli riġward ilħmieġ tal-klieb kif ukoll *Dogs' litter*.

1126 Giovanna Gambin, 11 Kampanjola, Triq Bardan ilmentat li hemm ħofor kbar quddiem id-dar tagħha. Hi tablet li din it-triq tiġi rranġata għaliex meta tagħmel ix-xita ssir l-ħsara lil faċċata ta' dar tagħha. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex sabiex din il-part ta' Triq tingħata it-tarmak.

1127 Hemm biċċa mir-*Road Hump* ta' Triq Ċenċ quddiem ta' Victor Grima li għandha nofsha maqlugħa bix-xita.

1128 Saret talba sabiex issir bollard jew bankina f'kantuniera fi Triq l-20 ta' Lulju.

1129 Fl-1 ta' Novembru ser issir il-purċissjoni għaċ-ċimiterju u l-Kunsill ser jagħmel kuruna biex fil-pellegrinaġġ sa ċimiterju.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item Approvazzjoni tal-Kontijiet**

1130 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond skeda tal-pagamenti Nru.11 li huma annessi mal-minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għas-16 ta' Novembru 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

-


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

# Kunsill Lokali Ta' Sannat

## *SKEDA TA' PAGAMENTI NUMRU 11*

Perijodu sal- Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2010

| | Ħlas lil | Deskrizzjoni | Ammont € |
|---|---|---|---|
| | D.O.I | Avviż Tender 05/2010 Dwal fl-Uffiċċini l-ġodda | 9.32 |
| | Arthur Bajada | Salarju Awwissu 2010 | 1427.37 |
| | Jason Curmi | Salarju Awwissu 2010 | 1123.85 |
| | Philip Vella | Honorja tas-Sindku Awwissu 2010 | 420.03 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Awwissu 2010 | 1446.40 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Lulju 2010 | 162.90 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Awwissu 2010 | 151.03 |
| | Local Council Association | Laqgha tas-Sindki 22-23 ta' Ottubru 2010 | 122.20 |
| | Philip Vella | Honorja tas-Sindku Settembru 2010 | 420.03 |
| | Arthur Bajada | Salarju Settembru u Income Suppliment 2010 | 1540.41 |
| | Jason Curmi | Salarju Settembru u Income Suppliment 2010 | 1248.61 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Settember 2010 | 1085.32 |
| | Ta' Sannat Local Council | Petty Cash | 137.41 |
| | MEPA | Applikazzjoni bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras in-Newwiela | 116.50 |
| | Gozo Channel Co Ltd. | Biljetti tal-vapur għal kunċert 9.10.2010 | 128.08 |
| | Serjeants Mess | Ikel waqt ħarġa f'Malta 17.10.2010 | 498.00 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Settembru 2010 | 161.75 |
| | Arthur Bajada | Salarju Ottubru 2010 | 1460.28 |
| | Jason Curmi | Salarju Ottubru 2010 | 1157.48 |
| | Philip Vella | Honorarja tas-Sindku Ottubru 2010 | 420.03 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Ottubru 2010 | 1014.32 |
| | Philip Vella | Allowance Jannar - Ġunju 2010 Sindku | 640.00 |
| | Anthony Mercieca | Allowance Jannar - Ġunju 2010 Vici Sindku | 400.00 |
| | Teddy Bajada | Allowance Jannar - Ġunju 2010 Kunsillier | 440.00 |
| | Joseph Bajada | Allowance Jannar - Ġunju 2010 Kunsillier | 480.00 |
| | Manuel Tabone | Allowance Jannar - Ġunju 2010 Kunsillier | 480.00 |
| | C.I.R. | Paye tal-Kunsillieri Jannar - Ġunju 2010 | 610.00 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u l-librerija Mejju 2010 | 70.65 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u l-librerija Ġunju 2010 | 62.80 |
| | Gozo Express Services Ltd. | Servizz ta kurrier - kotba għal Librerjia | 8.26 |
| | Flower Zone | Qronfol għall-infiorata - Festa 2010 | 682.50 |
| | Flower Zone | Oasis u materjal ieħor biex inħadmu arrangamenti tal-fjuri | 144.50 |
| | Emanuel Curmi | Żbir ta' siġra tal-ficus fi Triq Marsilja | 35.00 |
| | Michael Curmi | Daqq folkloristiku waqt Notte Scarlata | 140.00 |
| | Teddy Bajada | Rimburs ta' oġġetti g]all-logħob mingħar konfini f'Awwissu | 56.42 |
| | Mary Mifsud | Servizz ta' Cultural Leader Lulju 2010 | 75.00 |
| | JCR Ltd. | Materjal għal bankina ma' dar 50 u ta' ma' gemba, Triq it-Tilliera | 161.59 |
| | Office Club | Karti A4 u stationarju ie]or | 130.05 |
| | John Bonnici | 72 flixken ta' l-ilma għal parteċipanti Logħob mingħajr konfini | 14.66 |
| | Sports Experience | Medals u tokens Loghob mingħajrKonfini | 63.49 |
| | Commissioner of Police | Parti mid-dawl u l-ilma ta' l-uffiċċju 23.2.2010 sa 14.7.2010 | 243.96 |
| | Dr Tek Computers Ltd. | Inka għal printers | 153.15 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u l-librerija Lulju 2010 | 70.65 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u l-librerija Awwissu 2010 | 70.65 |
| | Ta' Lourdes Garage | Transport għal Ta' Pinu kull nhar ta' Erbgħa Mejju - Awwissu 10 | 442.50 |



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Contract Manager fee Awwissu 2010 | 38.76 |
| | G4S Services Malta Ltd. | 4 cash in transit Lulju 2010 | 30.44 |
| | G4S Services Malta Ltd. | 2 cash in transit Awwissu 2010 | 15.22 |
| | Joseph Margo | Tindif ta toroq bil-lejl matul il-ġranet tal-festa | 837.80 |
| | Dr Tek Computers Ltd. | Inka għal printers | 43.98 |
| | JCR Ltd | Kurduna fi Triq Ras in-Newwiela plot mhux mibnija | 75.58 |
| | ARMS Ltd | Konsum ta' l-eletriku funtana 23.4.2010 sa 22.6.2010 | 145.34 |
| | Mario Mallia | Traffic mirror Triq l-10 t' Ottubru faċċata ta' Triq Gerxija | 60.91 |
| | Joseph Tabone | Installazzjoni ta' Airconditioner fil-board room | 170.00 |
| | Soċjeta Mużikali S. Margerita | Tindif u manutensjoni tal-latrini pubbliċI 21.7.10 sa 20.8.10 | 134.66 |
| | Charlie Borg | Ilma għat-tisqija tas-siġar u milli tal-funtana | 158.00 |
| | Mary Mifsud | Servizz ta' Cultural Leader Awwissu 2010 | 75.00 |
| | Land Department | Kera ta' art ta' Triq Ras in-Newwiela | 250.00 |
| | EneMalta Corporation | Update ta' database | 233.00 |
| | Calleja Limited | Fanal miksur fi Triq 28 ta' April 1688 | 54.16 |
| | Soċjeta Mużikali S. Margerita | Tindif u manutensjoni tal-latrini pubbliċI 21.8.10 sa 20.9.10 | 134.66 |
| | Dr. Grazio Mercieca | Servizz ta' avukat 24.11.2009 sa 23.05.2010 | 349.40 |
| | Franco Azzopardi | Servizz ta' Sports Leader 1.12.2009 sa 31.5.2010 | 232.94 |
| | WasteServ Malta Ltd. | Depositu fil-landfill Jannar 2010 | 956.67 |
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Contract Manager fee Settembru 2010 | 38.76 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' librara Lulju 2010 | 69.96 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' librara Awwissu 2010 | 69.96 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' librara Settembru 2010 | 69.96 |
| | G&R Spiteri | Servizz ta' tindif ta' l-Uffiċċju u librerija Settembru 2010 | 70.65 |
| | Mita | Manutenzjoni fi stallazzjoni mill-ġdid tal-printers pc 2 | 37.52 |
| | Refalo Signs | 3 tabelli dwar ħmieġ tal-klieb fil-bajja ta Mġarr ix-Xini | 69.62 |
| | Carmel Gauci | Bini ta' palk fil-Pjazza fin-Notte Scarlata | 796.50 |
| | G4S Services Malta Ltd. | Cash in Transit Settembru 2010 | 30.44 |
| | Acc. Public Cleansing Section | Bulky refuse Awwissu 2010 | 43.99 |
| | Acc. Public Cleansing Section | Bulky refuse Settembru 2010 | 24.44 |
| | Mary Mifsud | Servizz Cultural Leader Settembru | 75.00 |
| | Mita | Wide Area Connectivity Ott. – Diċ. 2010 | 416.85 |
| | Alka Ceramics | Plakka isem tat-Triq l-10 ta' Ottubru 1942 flok dik miksura | 41.30 |
| | Chairperson Kumitat tat-Tmexxija | Ċentru ta matul il-Jum għall-Anzjani 1.5.2009 sa 30.4.2010 | 495.32 |
| | Dr Tek Computers Ltd. | 2 inka tal-printers tal-pcs | 98.19 |
| | Dr Tek Computers Ltd. | 2 inka tal-printers tal-pcs 2 | 87.96 |
| | Gatt Tarmac Ltd. | Irranġar ta' toqba perikoluża fi Triq Dun Xand Aquilina, Sannat | 1146.19 |
| | Gatt Enterprises Ltd. | Ramel għal bankina fi Triq Ras in-Newwiela quddiem plots mhux mibnija | 72.90 |
| | Gatt Enterprises Ltd. | Konkos għal bankina fi Triq Ras in-Newwiela quddiem plots mhux mibnija | 170.04 |
| | Visage Sound Ltd | Sound għal waqt Sports Day | 85.00 |
| | Soċjeta' Mużikali Santa Margerita | Tindif u manutensjoni tal-latrini pubbliċI 21.9.10 sa 20.10.10 | 134.66 |
| | Reġjun Għawdex | Filming f'Bruselles | 233.00 |
| | Mita | email accounts | 19.92 |
| | Alberta | Servizz fuq il-fire extinguishers ta' l-uffiċċju u librerija | 42.76 |
| | Arthur Bajada | Rimburs ta' seminar f' Malta biljetti tal-vapur u karozzi tal-linja | 6.93 |
| | Sound Vision Print Ltd. | Avviż dwar laqgħa ta' immaniġġjar tat-traffiku 27.10 2010 | 88.03 |
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Contract manager fee Ottubru 2010 | 38.76 |
| | G&R Spiteri | Tindif ta' l-uffiċċju u l-librerija Ottubru 2010 | 62.80 |
| | Sannat Lions F.C. | Servizz ta tindif tat-toroq urbani Lulju 2010 | 84.84 |
| | Sannat Lions F.C. | Servizz ta' tindif tat-toroq urbani Ottubru 2010 | 547.96 |

SANNAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Annette's Mystic Dancers | Żfin fin-Notte Scarlata | 250.00 |
| | Joseph Bezzina | Gwida f'postijiet ta' interess f'Sannat waqt Notte Scarlata | 30.00 |
| | Ronnie Dimech | PA System fil-ground Loghob mingħajr Konfini 18.8.2010 | 141.60 |
| | Visage Sound Ltd | Sound għal Ħadd filghodu fin-notte scarlata | 165.00 |
| | TOTAL | € | 30,180.48 |